IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

1952 - 2022

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 177/22
il-Lussemburgu, 8 ta' Novembru 2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-704/20 u C-39/21 | Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Eżami *ex officio* tad-detenzjoni)

# Il-qorti nazzjonali hija obbligata tivverifika fuq inizjattiva tagħha stess il-legalità ta' miżura ta' detenzjoni meħuda fil-konfront ta' ċittadin barrani li jirrisjedi irregolarment jew ta' applikant għall-ażil

*Mid-dritt tal-Unjoni [1] jirriżulta li l-adozzjoni ta' miżura ta' detenzjoni, jew ta' żamma ta' detenzjoni, ta' ċittadin barrani li jkun ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew li jirrisjedi irregolarment fit-territorju ta' Stat Membru hija suġġetta għall-osservanza ta' sensiela ta' kundizzjonijiet ta' legalità*

Ċittadin Alġerin, ċittadin Marokkin u ċittadin ta' Sjerra Leone kkontestaw miżuri ta' detenzjoni meħuda fil-konfront tagħhom quddiem diversi qrati Olandiżi.

Il-Kunsill tal-Istat tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-qorti ta' Den Haag sedenti f'Hertogenbosch, staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dritt tal-Unjoni jobbligax lill-qrati jeżaminaw fuq inizjattiva tagħhom stess l-eventwali nuqqas ta' osservanza ta' kundizzjoni ta' legalità ta' miżura ta' detenzjoni li ma jkunx ġie invokat mill-persuna kkonċernata.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, qabelxejn, li kwalunkwe detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, kemm fil-kuntest ta' proċedura ta' ritorn wara soġġorn irregolari, tal-ipproċessar ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali kif ukoll fil-kuntest tat-trasferiment ta' applikant għal tali protezzjoni lejn l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu, tikkostitwixxi ndħil serju fid-dritt għal-libertà, stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Konsegwentement, meta jidher li l-kundizzjonijiet ta' legalità tad-detenzjoni ma jkunux ġew jew ma jkunux għadhom issodisfatti, il-persuna kkonċernata għandha tiġi lliberata immedjatament. Dan japplika, b'mod partikolari, meta jiġi kkonstatat li l-proċedura ta' ritorn, ta' eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew ta' trasferiment, jekk ikun il-każ, ma tibqax eżegwita bid-diliġenza kollha meħtieġa, jew li l-miżura ta' detenzjoni ma tkunx, jew ma tkunx għadha, proporzjonata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza, barra minn hekk, li, fil-qasam tad-detenzjoni ta' barranin, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma llimitax ruħu li jistabbilixxi regoli komuni sostantivi, iżda stabbilixxa wkoll, fl-interess tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, regoli komuni proċedurali, li għandhom l-għan li jiżguraw li teżisti, f'kull Stat Membru, sistema li tippermetti lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti li teħles, jekk ikun il-każ wara eżami *ex officio*, il-persuna kkonċernata hekk kif jirriżulta li d-detenzjoni tagħha ma tkunx, jew ma tkunx għadha, legali.

[1] B'mod partikolari, id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98), u d-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 96), moqrija flimkien mal-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (dritt għal-libertà).

Minn dan isegwi li l-awtorità ġudizzjarja kompetenti għall-istħarriġ tal-legalità ta' miżura ta' detenzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha, b'mod partikolari, dawk fattwali li jinġiebu għall-attenzjoni tagħha, kif ikkompletati jew iċċarati fil-kuntest ta' miżuri proċedurali li hija tqis neċessarji li tadotta abbażi tad-dritt nazzjonali tagħha, u, abbażi ta' dawn l-elementi, tirrileva, skont il-każ, il-ksur ta' kundizzjoni ta' legalità li tirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, anki meta dan il-ksur ma jkunx ġie invokat mill-persuna kkonċernata. Dan l-obbligu huwa bla ħsara għal dak li jikkonsisti, għal din l-awtorità ġudizzjarja, li tistieden lil kull waħda mill-partijiet sabiex tesprimi ruħha fuq din il-kundizzjoni skont il-prinċipju ta' kontradittorju.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ✆ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!